# PAPIET TAS-SEKLU 14

PAPA GIOVANNI XXII (1316 - 1334

Il-Papa huwa nfallibbli biss, meta jghallem hwejjeg ta' fidi u morali bhala ghalliem suprem tal-knsija kattolika. Giovanni XXII



huwa ezempju klassiku fejn il-papa ma hux infallibbli. Kien jemmen li l-erwieh tal-gusti ma jmorrux fil-vizjoni beatifika hlief wara l-Gudizzju Universali, pero' ghamilha cara li hu ma kienx qed jghallem dan bhala Papa. Meta fl-ahhar ikkonvinca ruhu li kien fl-izball, l-papa umli ammetih.

Jacques twieled gewwa Cahors. Missieru kien skarpan.

Wara konklavi mqanqal fis-7 ta' Awissu 1316, Jacques d'Euse gie elett papa. Giovanni XXII, kif xtaq li jkun imsejjah, kien professur brillanti tal-ligi kanonika, isqof ta' Avignon u kardinal. Issa fl-eta' ta' 72 kien bniedem semplici, imma energiku. Sab il-qorti papali dizorganizata u t-tezor vojt. Bhala amministratur tajjeb, huwa gab kollox f'postu.

Huwa kien bniedem li ma jhalli lil hadd jindahallu. Wara l-mewt ta' Neriku VII, Frederiku ta' l-Awstrija u Lwigi tal-Bavarja iggieldu ghall-kuruna imperjali. Giovanni nsista li kellu jkun hu li jiddeciedi il-kaz. Lwigi ma tahx cans. Il-Papa ghaldaqstant skomunikah u l-imperatur mar jappella lill- koncilju generali kontra l-papa. Lwigi mmarcja fuq Ruma, inkuruna lilu nnifsu hemmhekk mill-kardinal Sciarra Colonna, li kien hadha kontra Bonifacju VIII gewwa Anagni u nstalla lil Pietru Rainalducci bhala antipapa. Ghalkemm Lwigi kellu malajr ihalli Ruma u l-antipapa wera' sobgha li kkollabora ma' Sciarra, il-glieda bejn l-imperatur u l-papa kompliet. Madwar Lwigi ingabret klikka ta' kittieba u grupp ta' frangiskani rinnegadi li lkoll bdew jiktbu kontra l-papa u jitkellmu kontra tieghu minn fuq il-pulpti.



Xi membri ta' l-Ordni frangiskana kienu tal-fehma li kellhom jghixu fuq il-faqar ta' Kristu u l-Appostli. Kienu jghidu li dawn ma kellhom xejn. Dan il-grupp ta' Frangiskani li kienu maghruf bhala l-Fraticelli riedu li jimxu fuq dan il-principju, izda l-papa waqqfilhom u meta rahom iwebbsu rashom ikkundanna l-grupp. U din kienet ir-raguni li haduha kontra tieghu u nghaqdu ma' l-

impertur Lwigi kontra l-kap tal-knisja. Izda il-magguranza ta' l-ordni baqghet fidila lejn il-papa.

Giovanni miet fis-sena 1334 meta kellu 84 sena. Kien organizzatur kbir u kontributur ghall-ligi kanonika.